KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Sitta u Għoxrin (26)***

***It-Tlieta, 12 ta' Jannar, 2021***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| IL-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | ANDREAS GATT |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**26.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

26.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġiji.

**26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

26.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 25 li nżammet nhar it-Tnejn, 9 ta' Diċembru, 2020.

26.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 25 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

26.2.3 **Mozzjoni 26-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 25.

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Kunsillier Andreas Gatt

Il-Minuti Numru 25 ġew approvati unanimament.

**26.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 26 (08) – Diċembru 2020***

26.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 26(08) biċ-ċekkijiet numru 7155 sa 7158 kif ukoll pagamenti permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 9785 sa 9821 li jammontaw €50,548.13

26.3.2 **Mozzjoni 26-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 26(08) bl-ammont ta' €50,548.13

Proponent: Il-Kunsillier Andreas Gatt
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 26(08) ġiet approvata unanimament.

*F'dan l-istadju tal-laqgħa attenda l-Kunsillier Keith Fenech (6.05pm)*

**26.4 <u>Tabelli ta' Merħba fil-lokalita'</u>**

26.4.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq l-Agenda tal-Kunsill din il-materja fejn ppropona li l-Kunsill jagħmel tabelli li jindikaw il-konfini ta' Ħal Għaxaq.

26.4.2 Il-Kunsillier Keith Fenech ppropona li jsir avviż fuq il-*facebook page* tal-Kunsill sabiex min hu nteressat jagħmel disinn bil-mappa u l-konfini ta' Ħal Għaxaq biex isiru fuq il-*Merħba Signs*. Rigward il-bordura tal-ħadid, l-aħjar li l-Kunsill iġib stima u titressaq fil-Laqgħa tal-Kunsill. Dwar dan il-Kunsill qabel.

**26.5 <u>Proġett Bandli</u>**

*F'dan l-istadju tal-laqgħa attenda l-Perit tal-Kunsill Marvin Ellul*

26.5.1 Is-Sindku Darren Abela stieden lill-Perit tal-Kunsill sabiex jagħti spjegazzjoni tax-xogħlijiet immarkati taħt *Variations* fiċ-ċertifikazzjoni tiegħu.

26.5.2 Il-Perit tal-Kunsill qal li fadallu joħroġ l-aħħar ċertifikazzjoni iżda għadu qed jistenna xi affarijiet pendenti mingħand il-kuntrattur.

26.5.3 Il-Perit semma li kien hemm varjazzjoni sostanzjali fit-tħaffir tal-ġiebja. Dan ġara minħabba li meta kien qed isir it-tħaffir instabet ħafna ħamrija u għaldaqstant kellu jħaffer iktar sakemm jinstab il-blat biex il-bażi tal-ġiebja tkun soda. L-ispiża telgħet għal €29,438.16 minn €16,146.90 (VAT eskluż).

26.5.4 Il-Perit taha ukoll spjegazzjoni tal-*Variations* kollha ccertifikati minnu li jammontaw għal €17,296.03. Wara l-ispjegazzjoni, il-Kunsill approva dawn il-*variations*.

26.5.5 Il-Kunsill raha ukoll li kien hemm ċertu xogħlijiet li wara li tkejlu ġew inqas mill-ammont ikkwotat fit-tender. Għaldaqstant dawn għandhom jikkumpensaw iż-żidiet fil-*variations* imsemmija f'materja 26.5.3 u 26.5.4 biex b'hekk l-ispiża tal-bandli tibqa' vicin dak li kien previżt li jintnefaq.

26.5.6 Is-Sindku Darren Abela tkellem ukoll dwar xi xogħlijiet pendenti li għandhom isiru fosthom il-BOQ tal-*culvert* ta' Triq San Gorg sabiex inkunu nistgħu nitolbu lill-TM tirrifondi lill-Kunsill dak li kien maqbul li jsir lura fl- 2012. Il-Perit intalab sabiex jipprovdi din id-dokumentazzjoni sa ġimgħatejn oħra minn din id-data.

26.5.7 Is-Sindku Darren Abela tkellem ukoll dwar il-BOQ ta' Santu Rokku. Din għandha tiġi preżentata lill-Kunsill sa l-aħħar ta' Marzu 2021 sabiex ikun jista' jinbeda l-proċess biex napplikaw għall-fondi.

26.5.8 Is-Sindku Darren Abela fakkar ukoll dwar it-tabelli fid-daħla ta' Triq il-Belt Valletta. L-istima għandha tkun preżentata l-Kunsill sa l-aħħar ta' Jannar.

*Is-Sindku rringrazzja lill-Perit tal-Kunsill u l-Perit ħareġ mill-kamra (7.30pm)*

26.5.9 Wara d-diskussjoni, is-Sindku Darren Abela ppropona li l-Kunsill jħallas lill-Urban Play Solutions €10,000 mill-ammont li għad fadal pendenti ċċertifikat mill-Perit. Dwar dan il-Kunsill qabel.

**26.6 Korrispondenza**

26.6.1 Tressqet korrispondenza mingħand Schembri Barbros dwar it-toqob ta' Triq il-Belt Valletta fejn l-ammont rivedut issa huwa ta' €5280. Wara diskussjoni, il-Kunsill xorta jħoss li l-ammont mitlub mhux ġustifikat u għaldaqstant se jkun qed iġib stima biex jivverifika jekk il-prezz hux ġustifikat. Rigward l-ispiża tal-isprall fi Triq il-Gudja, il-Kunsill qabel li jħallsu.

*Il-Kunsillier Keith Fenech talab li jkun skużat (8.00pm)*

26.6.2 Tressqet korrispondenza mingħand il-Head tal-iskola dwar ilment li qed jintrema ammont ta' skart fuq in-naħa ta' wara, lejn il-librerija. Is-Sindku Darren Abela qal li r-Reġjun ser jagħti għajnuna finanzjarja għal-libreriji. Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li ma taqbilx li dan il-fond jintnefaq biex issir camera imma għandu jiġi investit f'kotba għat-tfal. Rigward il-camera, il-Kunsill qabel fil-principju li titwaħħal iżda l-aħjar li jara x'tip ta' camera tista' ssir.

26.6.2 Tressqet korrispondenza mingħand il-Head tal-iskola rigward id-*disabled parking bay* ta' quddiem l-iskola li tintuża' minn membru tal-istaff tal-iskola. Qed tilmenta li meta t-triq tkun magħluqa, il-parkeġġ ma jistax jintuża'. Il-Kunsill qabel li jitneħħa minn quddiem l-iskola u jitpoġġa wieħed quddiem l-ispiżjar.

26.6.3 Tressaq korrispondenza mingħand Times of Malta fejn qed jistaqsu dwar żona f'Ħas-Saptan li ingħalqet f'żona privata. Is-Sindku Darren Abela ssuġerixxa li jwieġeb li ż-żona mhix fir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali u għaldaqstant, il-Kunsill ma nstallax ebda' *gates* biex tingħalaq iż-żona. Dwar din ir-risposta l-Kunsill qabel.

26.6.4 Tressqet kwotazzjoni sabiex isir tindif fit-triq tal-post tan-nar ta' San Guzepp. Il-Kunsill approva li jsir it-tindif iżda dawn ix-xogħlijiet m'ghandhomx isiru għalissa.

26.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li ircevejna *vouchers* biex jingħataw lill-*cat feeders* reġistrati mal-Kunsill Lokali għal neutering.

26.6.7 Tressqet korrispondenza mingħand il-kollettur tal-iskart fejn informa lill-Kunsill li qed jiġbor skart kummerċjali u għaldaqstant qed jitlob li sabiex jibqa jiġbru, irid jitħallas l-ispiża ta' €100+VAT fix-xahar. Il-Kunsill m'għandux jiġbor skart kummerċjali iżda għandhom ikunu l-ħwienet stess li jagħmlu arranġamenti mal-kuntrattur sabiex jinġabrilhom l-iskart. Rigward l-iskip ta' Terry's Take Away, il-Kunsill isostni li l-iskip għandha titneħħa bħalma tneħħiet ta' ħwienet oħrajn.

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa, il-Vici Sindku Christine Dalli talbet li tkun skużata (9.00pm)*

*Il-Membri kollha preżenti qablu li l-laqgħa titkompla bl-aħħar ftit materji.*

**26.7 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

26.7.1 Is-Sindku Darren Abela ppropona li jitwaħħal meter tad-dawl fil-Pjazza. L-ispiża sabiex isir dan hija ta' €385. Il-Membri tal-Kunsill preżenti qablu unanimament.

26.7.2 Is-Sindku Darren Abela qal li ġie avviċinat mill-organizzatur tal-*Carnival Fun Run* fejn qal li għal din is-sena se jintroduċu *Virtual Carnival Run.* Il-Kunsill jaqbel fil-prinċipju iżda qed jitlob ftit il-loġistika ta' kif se ssir din l-attivita' sabiex ikun f'pożizzjoni li joħroġ ċertifikati u jagħti il-Kunsill johrog certifikat u midalji. Approvat

26.7.3 Is-Sindku Darren Abela qal li l-Każin ta' Santa Marija qed jitolbu No Objection mingħand il-Kunsill sabiex jużaw sistema li hija konformi mal-liġijiet ta' Malta sabiex isolvu problema tal-ħmieġ ta' ħamiem li qed jagħmel ħafna ħsara fil-propjeta' tagħhom. Il-Kunsill ma jsibx oggezzjoni li jsir li hemm bżonn, sakemm ikun kollox konformi mal-liġijiet ta' Malta u r-regolamenti tal-ħarsien tal-annimali.

26.7.4 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba mingħand l-Għaqda Mużikali Santa Marija fejn talbu li jiġi mgħoddi *pipe* fi Triq l-Andar. Is-Sindku Darren Abela qal li se jkun qed jiddiskuti ma Infrastructure Malta biex jara jistgħux iżiduh max-xogħol li se jagħmlu fl-istess triq. F'każ li ma japprovawx, tintalab stima u titressaq fil-Kunsill.

26.7.5 Is-Sindku Darren Abela ppropona li Sqaq Numru 2 fi Triq Santa Marija isir bil-*concrete imprint*. Il-Kunsill qabel li din tiġi diskussa mal-Perit.

**26.8 Mistoqsijiet u Tweġibiet tal-Kunsillieri**

26.8.1 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li l-ispralli fi Triq Dun G.Demicoli reġgħu sfrundaw. Il-Kunsill qabel li jerġa jirranġahom għax perikolużi. Il-Kunsill qabel li jerġa' jkellem lill-LESA biex jara x'inhi l-problema għala mhux qed jinħarġu ċitazzjonijiet fl-imsemmija triq.

26.8.2 Il-Kunsillier Andreas Gatt ppropona li ssir *cat shelter* fejn Brownrigg. Il-Kunsill approva li titpoġġa waħda iżda nżommu d-dettalji tal-persuna biex jekk ninnutaw li qed tinżamm fi stat ħażin din titneħħa mill-ewwel.

26.8.3 Il-Kunsillier Andreas Gatt irraporta li qed jinżergħa xi bżar fil-bandli li jista' jkun perikoluż għat-tfal. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li daħal l-istess rapport il-Kunsill u ttieħdet azzjoni immedjata fejn il-pjanta inqalgħet mill-ewwel. F'każ li nerġgħu ninnutaw li terġa' tinżera' nirrapurtaw sabiex tittieħed azzjoni.

26.8.4 Il-Kunsillier Andreas Gatt ressaq ilment dwar nuqqas ta' tindif u knis fit-toroq kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din il-materja se tkun fuq l-Agenda tal-Laqgħa li jmiss.

**26.9 Mozzjonijiet**

26.9.1 Annessi mal-Minuti

**26.10 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

26.10.1 Il-Laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għat-Tnejn 8 ta' Frar 2021 fil-5.30pm

Bi qbil uannimu sabiex titkompla, il-Laqgħa ntemmet fit-9.20pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 26**

**Mozzjoni Ref:** 26-01

**Mozzjoni:**

Biex jigu approvati l-Minuti tal-Kunsill Nru. 25

| | |
|---|---|
| **Rose Agius** | **Andreas Gatt** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

---

**Data:** 12 ta' Jannar 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 26**

**Mozzjoni Ref: 26-02**

Biex tigi approvata l-Iskeda ta' Pagamenti Numru 26

| | |
|---|---|
| **Andreas Gatt**<br>**Proponent** | **Rose Agius**<br>**Sekondant** |

---

**Data:** 12 ta' Jannar 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**